



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Jannar 2016
(OR. en)

15066/15

**PV/CONS 71
SOC 709
EMPL 462
SAN 431
CONSOM 217**

ABBOZZ TA' MINUTI

Suġġett: **It-3434** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAHHHA U AFFARIJET TAL-KONSUMATUR**), li saret fi Brussell fis-7 ta' Diċembru 2015

WERREJ

Paġna

1. Adozzjoni tal-aġenda.....	4
------------------------------	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	4
--	---

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

3. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekutivi ta' kumpaniji elenkti f'borża u miżuri relatati [L-ewwel qari]	4
---	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

4. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet	5
5. L-involviment strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2016-2019)	5

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

6. Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali	5
---	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

7. Semestru Ewropew 2016	6
8. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza soċjali għal Ewropa inklużiva	6
9. Proposta għal Rakkmandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol	7
10. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewljeni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa	7
11. Affarijjiet oħra	7

SAĦĦA

12. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija tal-UE dwar it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol.....	9
13. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar mediċina personalizzata għall-pazjenti.....	9
14. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għal persuni li jgħixu bid-demenzja: it-titjib tal-politiki u l-prassi tal-kura	9
15. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tagħlimiet meħuda għas-Saħħha Pubblika mit-tifqigħa tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent – is-Sigurtà tas-Saħħha fl-Unjoni Ewropea.....	9
16. Affarijiet oħra	10
ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	11

*

* * *

1. Adozzjoni tal-aġenda

14689/15 OJ/CONS 71 SOC 693 EMPL 452 SAN 408 CONSUM 206

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"

14912/15 PTS A 96

Il-Kunsill adotta l-lista tal-punti "A" kif tinsab f14912/15.

L-Irlanda għamlet dikjarazzjoni dwar il-punt 1 kif stabbilit fl-Anness.

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekutti vi ta' kumpaniji elenkti f'borża u miżuri relatati [L-ewwel qari]

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: L-Artikolu 157 TFUE)

Fajl Interistituzzjonali: 2012/0299 (COD)

– Approċċ ġenerali (•)

16433/12 SOC 943 COMPET 708 DRS 130 CODEC 2724

14343/15 SOC 681 GENDER 28 ECOFIN 887 DRS 70 CODEC 1551

+ COR 1 (fr)

Il-Kunsill ma setax jilħaq qbil dwar approċċ ġenerali u stieden lill-korpi preparatorji biex ikomplu bil-ħidma tagħhom dwar il-fajl.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

4. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet

- Adozzjoni

(Dibattitu pubbliku skont l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill) [propost mill-Presidenza])

14325/15 SOC 679 GENDER 26 SPORT 63 CULT 81

+ ADD 1

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet. MT u PL daħħlu dikjarazzjonijiet għall-inklużjoni fil-minuti tal-Kunsill kif imniżżla fl-Anness. Il-verżjoni finali tal-konklużjonijiet tinsab fid-dok. 14327/15.

5. L-involviment strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2016-2019)

- Kontribut mill-Kummissjoni
- Skambju ta' fehmiet

(Dibattitu pubbliku skont l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill) [propost mill-Presidenza])

14746/15 SOC 697 GENDER 31

14251/1/15 SOC 672 GENDER 25 REV 1

Il-Kunsill kelly skambju ta' fehmiet dwar l-Impenn strateġiku tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019. Bosta delegazzjonijiet iddispjaċihom dwar in-natura informali tal-impenn strateġiku u appellaw għall-adozzjoni ta' Strateġija formali tal-Kummissjoni. Il-ħames prioritajiet stabbiliti fl-Impenn Strateġiku ġew approvati b'mod ġenerali.

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-religion jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orientazzjoni sesswali

Fajl Interistituzzjonali: 2008/0140 (CNS)

- Sitwazzjoni attwali

11531/08 SOC 411 JAI 368 MI 246

13877/1/15 SOC 649 ANTIDISCRIM 13 JAI 841 MI 703 FREMP 253 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tar-Rapport ta' Progress tal-Presidenza (13877/1/15 REV 1).

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [propost mill-Presidenza] għall-punti 7 sa 10)

7. Semestru Ewropew 2016

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
- Skambju ta' fehmiet

14221/15 SOC 671 EMPL 439 ECOFIN 863 EDUC 298

(a) Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2016, abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) u Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (RMT)

14270/15 ECOFIN 875 UEM 415 SOC 676 EMPL 441 COMPET 519

ENV 705 EDUC 300 RECH 279 ENER 391 JAI 873

14694/15 EMPL 453 SOC 694 ECOFIN 934 EDUC 313 JEUN 116

14272/15 ECOFIN 877 UEM 416 SOC 677 EMPL 442

(b) Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

- Approvazzjoni tal-aspetti tal-impjiegi u soċjali tar-rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro

14291/15 ECOFIN 882 UEM 421 SOC 678 EMPL 443 COMPET 520

ENV 709 EDUC 301 RECH 280 ENER 394 JAI 883

14860/1/15 ECOFIN 942 UEM 427 SOC 704 EMPL 459 COMPET 552

ENV 759 EDUC 317 RECH 297 ENER 414 JAI 957 REV 1

+ADD1 REV1

Il-Kunsill kelly skambju ta' fehmiet wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' pakkett ekonomiku tal-ħarifa dwar is-Semestru Ewropew 2016. Id-diskussjoni kienet iggwidata minn nota tal-Presidenza li tkopri d-dokumenti kollha msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill approva wkoll l-aspetti soċjali u tal-impieg tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Id-delegazzjoni DE żammet skrutinju ta' riżerva ġenerali dwar dan it-test.

8. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza soċjali għal Ewropa inklużiva

- Adozzjoni

14129/15 SOC 668 EMPL 438 ECOFIN 853 POLGEN 166

Il-Kunsill adotta abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza soċjali għal Ewropa inklużiva.

Il-verżjoni finali tal-konklużjonijiet tinsab fid-dok. 15070/15.

9. Proposta għal Rakkmandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol

(*Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292 TFUE*)

- Qbil politiku

14361/15 SOC 683 EMPL 444 EDUC 303 ECOFIN 896

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar il-proposta għal Rakkmandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li ilhom qiegħda fit-tul.

10. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa

- Adozzjoni

13766/15 SOC 643 EMPL 423

+ REV 2 (pl)

+ REV 2 COR 1 (pl)

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa. Il-verżjoni finali tal-konklużjonijiet tinsab fid-dok. 15071/15.

11. Affarijiet oħra

(a) Lista ta' miżuri biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza fit-trattament ta' persuni LGBTI

- Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni.

(b) Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ imniedi fis-Summit "Intrapriża 2020"

(Brussell, 16 u 17 ta' Novembru 2015)

- Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni.

(c) Proposti leġislattivi attwali

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- (i) Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissahħħah il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoräġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2014/0124 (COD)
– Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-ftehim milħuq fin-negozjati mal-Parlament Ewropew.

BE enfasizzat l-aprocċċ komprensiv tal-Pjattaforma li għandu jiġi stabbilit u saħqet dwar l-importanza tal-ġlied kontra x-xogħol mhux iddikjarat u l-emarġinazzjoni soċjali assoċjata ma' xogħol mhux iddikjarat.

- (ii) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Netwerk Ewropew tas-Servizzi tal-Impieg, l-aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi tal-mobilità u l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol (EURES) [L-ewwel qari]**

Fajl Interistituzzjonali: 2014/0002 (COD)

- Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-ftehim milħuq fin-negozjati mal-Parlament Ewropew.

Jappoġġa l-proposta b'mod ġenerali u b'mod partikolari l-enfasi tagħha fuq iż-żieda fil-mobbiltà tal-ħaddiema, PL fakkret it-tħassib tagħha dwar l-obbligu tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 26(1), li jiġbor data diżaggħata skont il-ġeneru.

- (iii) Att Ewropew dwar l-aċċessibbiltà**

- Informazzjoni mill-Kummissjoni
14799/15 SOC 700 MI 770 ANTIDISCRIM 15
+ ADD 1-3

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-proposta dwar Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà.

(d) Konferenzi/inizjattivi organizzati mill-Presidenza

- Informazzjoni mill-Presidenza
14802/15 SOC 701 EMPL 456

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza.

(e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

- Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni tan-Netherlands.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

(*Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill*) [propost mill-Presidenza] għall-punti 12 sa 15

12. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija tal-UE dwar it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol

– Adozzjoni

14391/1/15 SAN 389 REV 1

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dok. 15050/15. It-test ser ikun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

13. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar mediciна personalizzata għall-pazjenti

– Adozzjoni

14393/15 SAN 390

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dok. 15054/15. It-test ser ikun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

14. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għal persuni li jgħixu bid-demenja: it-titjib tal-politiki u l-prassi tal-kura

– Adozzjoni

14395/15 SAN 391

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dok. 15055/15. It-test ser ikun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

15. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tagħlimiet meħuda għas-Saħħa Pubblika mit-tifqigħa tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent – is-Sigurtà tas-Saħħa fl-Unjoni Ewropea

– Adozzjoni

14751/15 SAN 409 PROCIV 75 DEVGEN 248

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dok. 15056/15. It-test ser ikun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

16. Affarijiet oħra

(a) Proposta leġislattiva attwali

(Deliberazzjoni pubblica f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0266 (COD)
kif ukoll

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar apparat mediku dijanjostiku in vitro [L-ewwel qari]

Fajl Interistituzzjonali: 2012/0267 (COD)

- Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali
14493/12 PHARM 71 SAN 215 MI 597 COMPET 600 CODEC 2305
+ COR 1
- 14499/12 PHARM 72 SAN 216 MI 598 COMPET 599 CODEC 2312
+ COR 1
- 14215/15 PHARM 48 SAN 383 MI 729 COMPET 517 CODEC 1535

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument 14215/15. In-negożjati dwar iż-żewġ proposti ser jiġu segwiti aktar permezz tal-Presidenza tan-Netherlands li jmiss.

(b) Konferenzi organizzati mill-Presidenza fil-qasam tas-sahħha pubblika

- Informazzjoni mill-Presidenza
14953/15 SAN 423

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza fid-dokument 14953/15.

(c) Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward il-preżenza ta' xaħmijiet trans fl-ikel u fid-dieta ġenerali tal-popolazzjoni tal-Unjoni

- Informazzjoni mill-Kummissjoni
14867/15 DENLEG 157 SAN 416 AGRI 631

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ħabbret li kienet ser tniedi malajr konsultazzjoni pubblika u twettaq valutazzjoni tal-impatt biex tanalizza l-impatt ta' għażiex differenti biex tīgħi limitata l-preżenza ta' aċċidi xaħmin trans (TFA) fl-ikel. Bosta delegazzjonijiet appoġġaw azzjoni ulterjuri, b'mod partikolari l-għażla ta' limiti legali għal TFAs industrijali.

(d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

- Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza Netherlandiża li jmiss.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Rigward il-punt
"A" Nru 1: **Regolament tal-Kunsill li jiftaħ u jiprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tal-ħut matul il-perijodu 2016-2018**
= Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA

"L-Irlanda appoġġat il-proposta tal-Kummissjoni għal dan ir-regolament u l-isforzi tal-Presidenza biex waslet għal ftehim sodisfaċenti għal dan il-fajl fid-dawl tal-opinjonijiet differenti, filwaqt li tirrikonoxxi wkoll li s-settur tal-ipproċessar għandu ġtiġiġiet ta' provvista li jeħtieġu prodotti minn barra l-Unjoni.

Madankollu, l-Irlanda mhix f'pożizzjoni li tappoġġa l-kompromess minħabba li fil-fehma tagħna dan mhux ibbilanċċat u, għaldaqstant, ser nastjenu.

Fil-fehma tagħna, il-kompromess finali jipprovdi aċċess preferenzjali għall-prodotti importati lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jimgħad l-vojt fil-provvista interna tal-UE. Dan ser ikun ta' ħsara għall-produtturi primarji tal-UE u l-industriji anċillari fil-komunitajiet kostali li jiddependu fuq issajd. B'mod partikolari ninsabu mħassbin rigward it-tnejha fit-tariffa għall-aringi mħawra, li għandu jitqies flimkien mal-aċċess ampu mogħti lin-Norveġja għal dan il-prodott fil-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE, kif ukoll l-introduzzjoni mill-ġdid tal-mekkaniżmu ta' sikurezza tal-Artikolu 3 li fil-fehma tagħna huwa eċċessiv."

Rigward il-punt
"B" nru 4: **Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet**

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

rigward il-paragrafu 21 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet

"Fir-rigward ta' ħidma futura possibbli fil-Kunsill dwar oqsma kritiċi ta' tħassib taħt il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, Malta tafferma d-dritt tagħha li topponi l-iżvilupp ta' indikaturi li jistgħu b'xi mod joħolqu obbligu fuq kwalunkwe parti li tikkunsidra l-abort bħala forma leġittima ta' saħħa jew drittijiet jew prodotti bażiċi riproduttivi."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

rigward il-paragrafu 32 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet

"Fir-rigward ta' kwalunkwe diskussjoni futura dwar il-pożizzjoni ta' nisa u rġiel fuq il-listi tal-partiti, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' sistema 'zipper', il-Polonja tiddikjara li dawn mhux ser jaffettwaw il-liġi elettorali fil-Polonja."